**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum, 25 ta' Dicembru 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Gerada)**
**vs**
**Ibrahim Adam Najmadin**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Ibrahim Adam Najmadin** ta' 27 sena, Nazzjonalita Sudaniza, iben Ibrahim u Aisa, imwieled is-Sudan nhar l-1 ta' Jannar, 1994 residenti gewwa c-China House, Halfar, limiti Birzebbuga u detentur ta' Numru tal-Pulizija 19UU-047;

Akkuzat talli f'l-24 ta' Dicembru, 2021, u jew fil- jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer:-

Iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'passaporti, jew uża jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport, li hu kien jaf li ġew iffalsifikati, imbiddla jew li sar xi tibdil fihom (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

Kif ukoll talli xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

Kif ukoll mingħajr awtorità leġittima uża jew kellu, fil-pussess tieghu xi dokumenti, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta).

Kif ukoll talli sar recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LLD nhar is-7 ta' Gunju, 2021, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghaxar (10) xhur prigunerija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**